~~PRONOM~~

~~Il-pronom αὐτος (awtos) ifisser 'stess'; għalhekk ngħidu αὐτὸς ἦλθεν (huwa stess ġie); meta quddiem αὐτος hemm l-artiklu definit, αυτος tfisser 'same, medesimo', e.g. ὁ αὐτὸς ἀνηρ. L-istess ħaġa fil-Malti. Huwa stess ġie; l-istess raġel.~~

~~VERBI IMPERSONALI~~

~~1. Bħall-Malti jieħdu ħafna minnhom id-dativ: (jidhirli — jidher lili) mhux jidhimi (δοκει μοι — dokej moj); jixraq lili (πρεπει μοι — prepej moj).~~

## ĠERUSALEMM!

*Wara l-Gwerra tas-Sitt-Ijiem — 5-10/VI/67*

*Ġerusalemm,*
*Belt kiefra,*
*misħuta,*
*għadira*
*ta' demm...*
*Għarusa*
*magħfusa*
*b'mitt hemm...*
*Kont xbejba*
*magħżula*
*mis-Sema,*
*sirt Babel*
*mixgħula*
*b'nirien*
*ta' nfern...*
*Mgħarrqa*
*fil-qżież*
*għax ġmielek*
*imkasbar*
*bil-ħtija*
*tan-nies...*
*Belt kiefra,*
*qattiela*
*għammiela*
*fid-dnub...*
*Imgħakkra*
*fit-tajn*
*l-imsellħa*
*tal-ġnus...*
*Mis-sema*
*Belt oħra*
*rajt nieżla,*
*għarusa*
*trid tbusha*
*għax sbejħa:*
*bil-ġawhar*
*imżejna*
*mid-dheb...*
*Belt t'Alla*
*qaddiesa,*
*imdawwla*
*bħal Ġenna:*
*tgaudija*
*ġo fiha*
*għal dejjem*
*u ferħ*
*u hena*
*u sebħ...*
*La biki,*
*la demm:*
*il-ġdida*
*Ġerusalemm...*

Ramle-Israel — 1967

Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.